# ENETOSH

NETWERKING ATTIV ▸ PRODOTTI ▸ IMSIEĦBA

Netwerk Ewropew għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ fis-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol

European Network Education and Training in Occupational Safety and Health

NETWERKING ATTIV

# E|N|E|T|O|S|H

In-Netwerk Ewropew għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ fis-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol (ENETOSH) joffri l-ewwel u fil-preżent l-unika pjattaforma għall-kondiviżjoni ta’ għarfien sistematiku dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw l-edukazzjoni u t-taħriġ fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

In-netwerk ġie stabbilit bl-appoġġ finanzjarju tal-Kummissjoni Ewropea bħala parti mill-programm LEONARDO DA VINCI minn Ottubru 2005 sa Settembru 2007. Il-proġett beda bi 13-il sieħeb minn 10 pajjiżi.

Illum, hemm aktar minn 40 imsieħeb minn 16-il pajjiż Ewropew flimkien mal-Korea ta’ Isfel involuti fl-ENETOSH. In-netwerk huwa kkoordinat mill-Istitut għax-Xogħol u s-Saħħa tal-Assigurazzjoni Soċjali Ġermaniża għall-Inċidenti (DGUV).

## FORUMS TAL-ESPERTI
## għad-diversi livelli tas-sistema edukattiva




L-idea li s-saħħa u s-sigurtà huma parti integrali mit-tagħlim tul il-ħajja tiggwida x-xogħol ta' ENETOSH, li hija r-raġuni l-għala tkopri l-oqsma kollha tal-edukazzjoni, mill-kindergarten għall-iskola, it-taħriġ vokazzjonali inizjali, l-edukazzjoni ogħla sat-taħriġ vokazzjonali kontinwu.

## TARGET GROUPS

- lekċerers u trejners mill-istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-inċidenti fl-Ewropa
- persunal edukattiv b'mod ġenerali u tal-edukazzjoni vokazzjonali (persunal fi creches, għalliema, instructors, lekċerers tal-università, trejners indipendenti)
- multiplikaturi u dawk li jfasslu l-politika (rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet, ministeri, imsieħba soċjali, Kummissjoni tal-UE)

# MIRI

L-attivitajiet tagħna tan-ntewerk jippromwovu dan li ġej:

1. assikurazzjoni konġuntà ta' kwalità ta' edukazzjoni u taħriġ fuq is-saħħa u s-sigurtà fl-Ewropa

2. Għażliet ta' kwalità għolja tas-saħħa u s-sigurtà fls-sistema ta' edukazjzoni

3. Qsim tal-għarfien attiv bejn l-isfera tal-OSHA u l-esperti tal-edukazzjoni



## PRODOTTI

### Il-Pjattaforma tal-Internet tal-ENETOSH

'Il fuq minn 400 eżempju ta' PRATTIKA TAJBA mill-Ewropa u l-bqija tad-dinja – KAXXA TAL-GĦODDA b'ideat għal metodi u midja innovattivi - MIN HU MIN (direttorju) ta' esperti fl-edukazzjoni u t-taħriġ fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol – konnessjonijiet tan-netwerk – Suġġetti kontroversjali
• Edukazzjoni online • Avvenimenti u aktar...

### Standard ta' kompetenza tal-ENETOSH

L-Istandard ta' Kompetenza tal-ENETOSH huwa maħsub sabiex jiŻgura l-kwalità tal-instructors u tat-trejners tas-saħħa u s-sigurtà fl-Ewropa. L-istandard ikopri l-oqsma ta' kompetenzi li ġejjin: It-taħriġ tat-trejners – Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol –Il-Promozzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol – Ġestjoni OHS. L-Istandard ta' Kompetenza tal-ENETOSH ġie rikonoxxut minn 14-il istituzzjoni minn 10 pajjiżi Ewropej u huwa disponibbli fi 11-il lingwa. Huwa rakkomandazzjoni u jista' jintuża mill-istituzzjonijiet edukattivi għal skopijiet ta' reklutaġġ jew bħala żvilupp professjonali kontinwu (CPD) għall-għalliema.

### Taħriġ u Innovazzjon

Avveniment internazzjonali annwali dwar suġġetti innovattivi u metodi mill-oqsma kollha ta' taħriġ, isir fl-"Istitut tax-Xogħol u s-Saħħa" fi Dresden.





## L-IMSIEĦBA FIN-NETWERK ENETOSH

CIVOP – Ċentru tal-OHS tal-Edukazzjoni, l-Informazzjoni u s-Servizzi, Repubblika Ċeka • BAR U&f – Fergħa Edukazzjoni u Riċerka tal-Kunsill dwar l-Ambjent tax-Xogħol, Danimarka • Università Leuphana Lueneburg, Ġermanja • BG BAU – Istituzzjoni għall-Assigurazzjoni u l-Prevenzjoni Statutorja tal-Inċidenti fin-Negozju tal-Bini, Ġermanja • BGW – Istituzzjoni għall-Assigurazzjoni u l-Prevenzjoni Statutorja tal-Inċidenti fis-Servizzi tas-Saħħa u tal-Għajnuna Soċjali, Ġermanja • ISPESL – Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà u l-Prevenzjoni fuq il-Post tax-Xogħol, Italja • LDRMT – L-Awtorità Litwana għat-Taħriġ għas-Suq tas-Xogħol • Grupp Xjentifiku tas-Sigurtà, Università Teknika ta' Delft, l-Olanda • AUVA – Bord għall-Kumpens tal-Ħaddiema, Awstrija • NIOM – Istitut Nofer għall-Mediċina fuq il-Post tax-Xogħol, Polonja • FIOH – Istitut Finlandiż tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol • ISGÜM – Ċentru tas-Saħħa u tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Turkija • CIOP-PIB – Istitut Ċentrali għall-Ħarsien tax-Xogħol – Istitut Nazzjonali tar-Riċerka, Polonja • Assigurazzjoni Soċjali tal-Inċidenti għas-settur pubbliku NRW, Ġermanja • BAuA – Istitut Federali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Ġermanja • DGB bildungswerk, Ġermanja • LAS – Ispezzjoni tax-Xogħol Brandenburg, Ġermanja • HSL – Laboratorju tas-Saħħa u tas-

Sigurtà, Renju Unit • MOSHA – Assoċjazzjoni tal-Maċedonja dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol • BMASK – Ministeru Federali tax-Xogħol, Affarijiet Soċjali u Protezzjoni tal-Konsumatur, Ispezzjoni tax-Xogħol, Awstrija • htl Donaustadt, Awstrija • TÜV SÜD, Ġermanja • Università ta' Hannover, edukazzjoni ogħla fis-suġġett tal-ergonomija u r-relazzjonijiet umani fuq ix-xogħol, Ġermanja • VUBP – Istitut ta' Riċerka dwar is-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, p.r.i., Repubblika Ċeka • Università ta' Nottingham, Istitut tax-Xogħol, tas-Saħħa u tal-Organizzazzjonijiet, Renju Unit • Prevent, Belġju • SUVA – Fond Żvizzeru ta' Assigurazzjoni għall-Inċidenti • Fondazzjoni ROMTENS, Rumanija • AIAS – Assoċjazzjoni Professjonali Taljana għall-Ambjent u s-Sigurtà • AWO – Assoċjazzjoni tal-Istat Sassonja, Ġermanja • Alfredo Soeiro, Università ta' Porto, Portugall • Luis freitas, Università ta' Lusofona, Portugall• Manuel Maduro Roxo, Portugall • EFBWW – Federazzjoni Ewropea tal-Bini u tal-Mastrudaxxi • Università ta' Munich, Istitut għall-Mediċina fuq il-Post tax-Xogħol, Soċjali u Ambjentali, Ġermanja • KOSHA – Aġenzija Koreana għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol • Istituzzjoni għall-Assigurazzjoni u l-Prevenzjoni Statutorji tal-Inċidenti fil-Kummerċ tal-Inġinerija u l-Metall, Ġermanja • Istitut għas-Sigurtà u l-Inġinerija Ambjentali fil-fakultà tax-Xjenza u tat-Tekonoloġija Materjali fi Trnava, Università Slovakka tat-Tekonoloġija • FTF – Konfederazzjoni tat-Trejdjunjins tal-Professjonisti, Danimarka • L-Iskola ta' Hansenberg, Danimarka • Università Teknika Gheorghe Asachi, Rumanija • Università ta' Ħamburg, Fakultà tax-Xjenza Edukattiva, Psikoloġija u Kinesjoloġija, Ġermanja.

ENETOSH hija msieħba fin-Netwerk Ewropew tal-Organizzazzjonijiet Professjonali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà (ENSHPO) u fin-netwerk globali tal-Premju Robert W. Campbell, Kunsill tas-Sigurtà Nazzjonali (NSC), Stati Uniti.

Koordinatur ENETOSH: l-Istitut għax-Xogħol u s-Saħħa tal-Assigurazzjoni Soċjali Ġermaniża għall-Inċidenti (DGUV) Social Accident Insurance (DGUV)

## KUNTATT

Institute for Work and Health
of the German Social Accident Insurance
Koenigsbruecker Landstraße 2 | D-01109 Dresden

**Dr. Ulrike Bollmann**
Telefon: +49 351 457 1510
Email: ulrike.bollmann@dguv.de

**www.enetosh.net**

Education and Culture

Leonardo da Vinci

DGUV
Deutsche Gesetzliche Unfallversicherung
Spitzenverband